A.L. 44 ta' l-2000

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI (ATT NRU. XV TA' L-1993)

Ordni ta' l-2000 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 33 u bis-subartikolu (6) ta' l-artikolu 36 u bl-artikolu 72 ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, l-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali għamel l-Ordni li ġej:—

1. Dan l-Ordni jissejjaħ l-Ordni ta' l-2000 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsill Lokali (Emenda Nru. 2), u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-2000 dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsill Lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali". Titolu. A.L. 32 ta' l-2000.

2. Fit-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Ordni prinċipali minflok id-dati tad-delega effettiva "17 ta' Marzu, 2000", "20 ta' Marzu, 2000", "27 ta' Marzu, 2000", "3 ta' April, 2000" u "10 ta' April, 2000" għandhom jidħlu l-kliem "Għad irid jiġi stabbilit". Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Ordni prinċipali.